# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA LL D**

**AWLA 5**

**Seduta ta’ nhar il-05 ta' Dicembru, 2001**

**Citazzjoni numru 12/94**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Josef Xuereb**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat u dan talli:

Fit-3 ta' Awissu, 1996, ghall-habta tat-8.30 a.m. fic-Cirkewwa, limiti tal-Mellieha, saq vettura numru V7721 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissajru tal-Pulizija jew minhabba licenzja specifikata ghal dik il-vettura kif ukoll ma kienx kopert b’polza tas-sigurta jew garanzija dwar ir-riskji ta’ terzi persuni.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex l-akkuzat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan, ghal perjodu ta’ mhux inqas minn tnax il-xahar.

Semghet il-provi kollha.

Peress li l-Qorti wara li qieset iz-zewg verzjonijiet tal-fatti, tara li ma ghandu jkun hemm ebda dubbju li kien l-akkuzat li kien qed isuq il-vettura in kwistjoni minghajr licenzja u konsegwentement ma hux kopert b’assikurazzjoni.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti issib lill-akkuzat hati talli:

Cit Nru:

:
Fit-3 ta' Awissu, 1996, ghall-habta tat-8.30 a.m. fic-Cirkewwa, limiti tal-Mellieha, saq vettura numru V7721 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissajru tal-Pulizija jew minhabba licenzja specifikata ghal dik il-vettura kif ukoll ma kienx kopert b'polza tas-sigurta jew garanzija dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Rat l-artikoli 15 (1) (a) (3) u 18 (2) tal-Kapitolu 65, kif ukoll l-artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali.

Tikkundanna lill-akkuzat LM25 (hamsa u ghoxrin liri maltin) amenda kif ukoll tiskwalifikah milli jkollu u jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena minn meta jaghlaq 18 (tmintax) il-sena.

Alan Calleja
Dep Reg
Awla 5.